MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru. 1036/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**(David Saliba HSO)**

**vs**

**Carmelo Stivala ta’ 76 sena, iben Michele u Carmela nee` Galea imwieled Naxxar, d.t.t. 14/12/1933 u li joqghod 39, Charles Farmhouse, Triq l-Universita`, Msida. Nru. tal-Id: 847533M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Carmelo Stivali li gie:

1. Akkuzat talli fit-8 ta’ Frar, 2008, ghal habta ta’

11.45a.m. fil-fond numru 134, The Strand, Gzira, fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-kumpanija Stivala Operators Limited, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga gravi Mohamed Al Hadani u dan ai termini tal-Art. 225 u 226(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u fil u fil-gimghat ta' qabel naqas mill jhares is-Sahha u Sigurta` ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post ax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikolu 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqas mill jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, jaghmel arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, moniteragg u rivista tal-misuri pretettivi, waqt li jikkunsidra n-natura u d-daqs tal-impriza u jiehu l- mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, u ghal dan il-ghan jipprevenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdi nformazzjoni u tahrig kif mehtieg u dan ai termini ta' l-artikoli 4(1)(2)(3) ta' l-A.L. 36/03.

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas li jevalwa ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta`, fost l-ohrajn ghazla tat-taghmir tax-xoghol, il-prassi u l-attivitajiet tax-xoghol, u l-ghazla u t-taghmir tal-postijiet tax-xoghol, kif ukoll il-kapacitajiet tal-haddiema sabiex iwettqu x-xoghol assenjat lilhom minghajr riskji u dan ai termini ta' l-artikolu 6()1) ta' l-A.L. 36/03.

5. Akkuzat ukoll talli zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem, naqas li jiehdu l-mizura necessarji sabiex waqghat mill-gholi ikunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkun gholjin bizzejjed u jkkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva

ekwivalenti. Naqas ukoll li jizgura li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta`. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikun ipprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-access u arnessi ta' sigurta` jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta'. Naqsu wkoll li jizguraw li poggamani ta' protezjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg 5 ta' l-Iskeda IV (part B) ta' l-A.L. 281/2004.

6. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminjiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li kienet qeghda twettaq ix-xoghol naqset li tizgura li s-sit tal-kostruzzjoni jinzamm tajjeb u fi stat ta' ndafa sodisfacenti u dan ai temini ta' l-artikolu 7 (a) ta' l-A.L. 281/2004.

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuna li thaddem naqset milli tipprovdi u tizgura li jkun hemm, taht il-kontroll taghha, fil-hinijiet kollha, sinjali ta' sahha u/jew ta' sigurta kif imiss u xierqa u f'dawk il-kazijiet kollha fejn il-perikolu ma jistax jigi evitat jew adegwatament imnaqas b'teknikalitajiet ghall harsien kollettiv, jew b'mizuri, metodi jew procedure li jintuzaw fl-organizzazzjoni tax-xoghol, jew fejn ir-riskji li jirrizultaw minn dawn il-perikoli ma jistghux jigu mnaqqsa degwatametn hlief permezz ta' twahhil ta' sinjali xieraqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 4(1) ta' A.L 45 ta' l-2002.

8. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel it-8 ta' Frar, 2008 bhala klijent li ghalih sar xoghol fl-istess, sit ta' kostruzzjoni naqas milli jahtar supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 3(1) ta' l-A.L. 281/2004.

9. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jzomm files dwar sahha u sigurta` u kull informazzjoni ohra relevanti dwar is-sahha u s-sigurta`, u jqieghdhom ghad-dispozizzjonii ta' kull min ikun irid jispezzjonahom u li jkun jinhtieg l-informazzjoni mill-file

biex ihares kull obligazzjoni li tohrog mil-ligi u dan ai termini tal-artikolu 3(2) ta’ A.L. 281/2004.

10. Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet,lok u cirkostanzi naqas illi jikkomunika aviz bil-quiddiem lill-Awtorita ta’ l-anqas erba’ gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba jibda xi attivita` ta’ xoghol fuq il-progett, kopja ta’ l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b’mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u , jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggornata perodikament u dan ai termini ta’ l-artikolu 4(1) ta’ A.L. 281/2004.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirata l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hat ital-istess.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-koperazzjoni tieghu fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta , Reg 4(1)(2)(3), 6(1) tal-A.L 36/03, Reg 5 taht l-Iskeda IV (part. B), Reg 7(a), 3(1), 3(2), (4)(1) tal-A.L. 281 tal-2004, Reg 4(1) tal-A.L. 45 tal-2007 u l-artikolu 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall- multa ta’ elfejn euro (€2,000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------